**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Luqa**

**9 LEĠIŻLATURA**

**Laqgħa b'Urġenza Numru 33**

**It-Tlieta 16 ta' Ġunju 2026**

Il-Kunsill Lokali Ħal Luqa ltaqa' ġewwa l-uffiċċju amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz: 174, Ċentru Ċiviku, Triq il-Ġdida, Ħal Luqa, fis-18.00.

**PREŻENTI**:

| | |
|---|---|
| Is-Sur John Schembri | Sindku |
| Is-Sur Keith Bartolo | Viċi Sindku |
| Is-Sur Frederick Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Jeffrey Scicluna | Kunsillier |
| Is-Sur Anton Gatt | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Cassar | Kunsillier |

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A):**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Matthew Spiteri | Kunsillier |

**ASSENTI:**

Ħadd

**UFFIĊJALI PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Is-Sa Astrid Pell | Segretarju Eżekuttiv |
| Is-Sur Joseph Piscopo | Accountant |

**MEMBRI MILL-PUBBLIKU:**

Ħadd

## 33.01 Qari tal-ittri ta' apoloġija

**33.01.01** Il-Kunsillier Matthew Spiteri talab sabiex ikun skużat minn din is-seduta minħabba raġunijiet personali. Din it-talba ġiet aċċettata mill-kunsilliera kollha preżenti.

## 33.02 Reply to Management Letter

**33.02.01** L-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Joseph Piscopo fisser li l-Assi Fissi (Fixed Assets) li kif indikat fir-risposta għall-ittra tal-management letter relatata mal-awditjar tas-sena finanzjarja 2024, il-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa jikkonferma li għandu reġistru tal-assi fissi li jiġi rikonċiljat b'mod regolari mal-ledger nominali. Madankollu, jista' jkun li r-reġistru ma jinkludix l-informazzjoni kollha mitluba mill-awdituri (bħad-dettalji tal-fornitur). Il-Kunsill se jaġġorna r-reġistru sabiex jinkludi l-informazzjoni kollha meħtieġa kif irrakkomandat mill-awdituri.

L-Accountant Joseph Piscopo spjega li rigward id-debituri u Ammonti Oħra Riċevibbli (Trade and Other Receivables), il-Kunsill Lokali ta' Ħal Luqa ser iwettaq rikonċiljazzjoni tal-bilanċ ma' dak tal-LESA sabiex jiġi żgurat li ż-żewġ bilanċi jaqblu.

Rigward il-Flus fil-Bank (Cash at Bank) – l-Accountant Joseph Piscopo qal liif ġie diskuss mal-awdituri, il-kont bankarju li qatt ma kien inkluż fil-ledger nominali tal-Kunsill fih fondi li jappartjenu lil entitajiet oħra. Dan il-kont ser jiġi inkluż fil-ledger nominali kif irrakkomandat mill-awdituri.

## 33.03 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

**33.03.01** Is-seduta tal-Kunsill intemmet fis-18.00 wara li ġiet mgħoddija l-aġenda kollha u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 7 ta' Lulju 2026, fil-17.30.

**Ikkonfermati llum it-Tlieta 7 ta' Lulju 2026.**

**John Schembri**
*Sindku*

**Astrid Pell**
*Segretarju Eżekuttiv*